MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 228/2011/1

**John Debono**

**v.**

**Carmela Debono illum Xerri**

Il-Qorti:

Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-attur mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-15 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma u thassar is-sentenza u dan billi tiddikjara li l-attur ma ghandux jibqa' jivversa manteniment lill-konvenuta u wkoll illi tordna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

> "Il-Qorti:
>
> "Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:
>
> 1. "Illi l-esponenti ssepara minn martu fil-hamsa u ghoxrn (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan abbazi ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia;
> 2. "Illi uhud mill-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt hemm mil-klawsoli tlieta (3) u hamsa (5) fejn hemm miftiehem il-mod kif ser jithallas il-manteniment;
> 3. "Illi illum u anki recenti mhux talli mhuwiex qieghed jircievi ghajnuna minghand il-Gvern talli in-negozju tieghu spicca u m'ghandu ebda dhul minn imkien hlief ghal xi cnus zghar;
> 4. "Illi illum l-esponenti mhuwiex qieghed ilahhaq mal-hajja ghax ma ghandu ebda introjtu;

5. “Illi sahhet l-esponenti marret mill-hazin ghall-aghar u qieghed jitlef il-vizta tieghu b’mod mghaggel tant li ma jistax jahdem imma ghandu bzonn minn jiehu hsiebu;
6. “Illi ghalhekk hemm bzonn sabiex dawn il-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta’ separazzjoni jitbiddlu;
7. “Illi l-esponenti gie awtorizzat jghaddi ghal din il-kawza b’digriet tal-Onorabbli Qorti;

“Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. “Tordna li l-manteniment li hemm indikat fil-kuntratt ta’ separazzjoni bonarja hawn fuq imsemmi ghandu jigi ridott jew imnehhi anki retroattiv stante li c-cirkostanzi inbidlu;
2. “Tordna l-pubblikazzjoni tal-varjazzjoni tal-manteniment fil-kuntratt ta’ separazzjoni hawn fuq imsemmi f’dik il-parti fejn hu imsemmi l-manteniment;
3. “Tordna l-hatra ta’ Nutar Pubbliku biex jippublika l-att relattiv li jirrifletti t-talba odjerna u tahtar kuraturi deputati biex jidhru fuq l-att pubbliku appena msemmi ghall-eventwali kontumaci fuq tali att;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

“Eccezzjonijiet :

1. “Illi l-esponenti teccepixxi li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress li ma jirrizultawx l-elementi mehtiega mill-Ligi ghall-varjazzjoni tal-obbligazzjoni kontrattwali assunta mill-istess attur;
2. “Illi minghajr pregudizzju mhuwiex ammissibbli li il-jeddijiet taghha ghall-manteniment jigu mittiefsa retroattivament peress li dawn huma drittijiet vestiti kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
3. “Illi mhux minnu li ghandu dhul u mezzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
4. “Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha tar-rikors guramentat – kontra l-intimat, ingunt minn issa stess in subizzjoni;

“Dikjarazzjoni :

5. “Illi fil-mertu l-esponenti tirrileva li l-attur kien gja svesta ruhu minn diversi assi qabel ma iffiraw il-kuntratt ta’ separazzjoni, anke iddispona

minnhom a favur u fuq isem binthom Donna B, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

6. “Illi kien ukoll biegh id-dar matrimonjali taghha li kienet proprjeta ta’ wahda mill-kumpaniji taghhom ad insaputa taghha u minghajr il-kunsens taghha, u thallas fuq il-kuntratt. Hi ma rat xejn minn dawn il-flus;
7. “Illi inoltre ma onorax l-obbligazzjoniijiet tieghu lejn terzi tant li kellhom jiehu passi anke ghall-bejgh in subbasta. Hu ma ghamel xejn biex jikkawtela il-posizzjoni tieghu b’dannu u pregiudizzju ghaliha. Fil-fatt xi kredituri daru fuqha ghall-bejgh in subbasta tar-residenza taghha, li hija l-unika proprjeta li kien imissha mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni tant li kellha tiehu proceduri hi biex twaqqaf is-subbasta kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
8. “Illi l-istess attur ghadu ma onorax l-obbligazzjonijiet tieghu ex kontractu u ma hallasx l-ammont kapitali imsemmi fil-kuntratt. Inoltre kien moruz fil-pagamenti tal-manteniment u gie ikkundannat mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali li, izda ikonvertiet is-sentenza minn wahda ta’ prigunerija ghal dik ta’ sentenza sospiza;
9. “Illi xorta baqa moruz fil-pagamenti;
10. “Illi tirrizerva li tressaq provi u fatti ulterjuri fit-trattazzjoni;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

“Semghet lix-xhieda illi tressqu;

“Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex tordna li l-manteniment hekk miftiehem bejn il-partijiet fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-25 ta’ Mejju 2007 fl-Atti tan-Nutar Dr. Andre Farrugia jigi ridott jew imnehhi anke retroattivament u konsegwentement tordna l-pubblikazzjoni ta’ kuntratt li permezz tieghu issir tali emenda.

“Min-naha taghha l-intimata topponi ghat-talba hekk kif proposta abbazi tal-fatt li ma jirrizultawx l-elementi mehtiega mill-ligi ghall-varjazzjoni tal-obbligazzjoni kontrattwali

assunta mir-rikorrent u li *di piu'* mhux minnu li r-rikorrent m'ghandux il-mezzi biex jivversa tali manteniment u konsegwentement tikkontendi li l-klawsola in kwistjoni ghadha applikabbli u ghalhekk il-manteniment ghandu jibqa' dovut. Issostni li r-rikorrent svesta ruhu minn diversi assi qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom, m'onorax l-obbligi naxxenti mill-istess kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll biegh id-dar matrimonjali li kienet tghajjat lil wahda mill-kumpaniji taghhom minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni taghha, b'dan li mir-rikavat tal-istess, hi ma rat xejn.

"**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

"Illi l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni msemmi u esebit in atti[1] u li jidher li wassal ghall-proceduri odjerni. L-imsemmi kuntratt jaghti tlett xenarji b'dan li r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas:

"(a) l-ammont ta' €116.46 ekwivalenti ghal Lm50 fil-gimgha bhala manteniment lil martu sakemm jigu kkonsenjati l-appartament u l-garaxx imsemmija fi klawsola numru 5;

"(b) hekk kif jigu kkonsenjati tali appartament u garaxx jew mill-31 ta' Settembru 2007 'il quddiem (skont liema eventwalita` ssehh l-ewwel), u sakemm tithallas is-somma ta' €349,406.00 ekwivalenti ghal Lm150,000, il-manteniment dovut minghand ir-rikorrent ikun dak ta' €163.05 ekwivalenti ghal Lm70 fil-gimgha;

"(c) hekk kif isir il-pagament ta'€349,406.00 ekwivalenti ghal Lm150,000 u wara li jigu kkonsenjati l-appartament u l-garaxx imsemmija favur l-intimata, l-manteniment ikun ta' €23.29 ekwivalenti ghal Lm10.00.

"Illi l-argument li jressaq ir-rikorrent huwa dak li c-cirkustanzi tal-hajja tieghu nbidlu b'tali mod li prezentement mhux f'qaghda li jhallas il-manteniment ta' martu hekk kif obbliga ruhu li jaghmel permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom u dan ghaliex in-negozju tieghu spicca b'tali mod li m'ghandu ebda dhul hlief ghal xi cnus zghar kif ukoll ghaliex sahhtu marret ghall-aghar b'dan li qed jitlef il-vista tieghu.

"Il-qorti taghmel referenza wkoll ghan-nota prezentata mir-rikorrent[2] u li permezz taghha jelenka d-dejn li ghandu, certifikati medici li jikkorraboraw it-tezi tieghu dwar il-

[1] Ara a fol 4 tal-process

kondizzjoni ta' sahhtu[3], *statements* mahruga mill-bank kemm f'ismu personali kif ukoll f'isem JDC Company Limited, privileggi li ghandu Paul Demicoli fuq il-proprjetajiet[4], subbasti u dejn ma' terzi inkluz id-Dipartiment tal-VAT. Permezz tad-dokument immarkat bhala Dok. 1[5], ir-rikorrent jikkontendi li bhala direttur ta' JDC Company Limited (saz-zmien meta kien ghadu direttur), id-dejn jammonta ghal €325,658.06 filwaqt li jindika li hemm privilegg favur Paul Demicoli ghall-ammont ta' €336,918 fuq diversi garaxxijiet. Dan id-dokument jelenka wkoll dejn relatat mal-kumpanija Tower Manor Limited fl-ammont ta' €1,225,817.12 u dan saz-zmien li l-istess rikorrent kien ghadu direttur tal-istess kumpanija. Ghall-ahhar ammont imsemmi, jikkontendi li l-bank ghandu diversi proprjetajiet marbuta wkoll. Izid jghid li hemm dejn ma' Paul Scerri b'dan tal-ahhar irnexxilu jiehu xi proprjeta' permezz tal-proceduri ta' subbasta. B'hekk jikkonkludi li l-ammont kumplessiv ta' dejn tieghu jammonta ghal €3,330,118.94.

"Illi dawn huma l-provi kollha li jressaq ir-rikorrent b'dan li lanqas jaghti spjegazzjoni cara tal-istess dokumenti hekk kif imsemmija aktar 'il fuq *stante* li l-istess rikorrent ma prezenta ebda affidavit u lanqas ma ta x-xiehda tieghu *viva-voce*. Irid jinghad pero` li d-dokumenti esebiti, specjalment il-kuntratti u *statements* mahruga mill-bank, dokumenti ufficcjali tal-Qorti u kuntratti huma pjuttost *self-explanatory* fis-sens li juru d-dejn ma' terzi kif ukoll proprjetajiet maqbuda bis-subbasta jew marbuta favur terzi proprju minhabba d-dejn. Jinghad li s-separazzjoni bejn il-partijiet sehhet permezz ta' kuntratt pubbliku datat il-25 ta' Mejju 2007. B'hekk, huwa ovvju u naturali li r-rikorrent, sa' dik id-data kien konxju minn problemi finanzjarji, tant li kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol 102 tal-process, permezz ta' digriet datat l-10 ta' Novembru 2006, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat il-bejgh ta' pozjon diviz ta' art bis-subbasta. Tali art giet stmata €88,540. Permezz tad-dokument esebit a fol 103 jirrizulta wkoll li qabel id-data tas-separazzjoni msemmija, kien hemm proprjetajiet ohra li gew ordnati li jinbieghu bis-subbasta. L-istess irid jinghad dwar id-dejn kontrattat ma' Christopher Charles Glackin fl-ammont ta' £30,000 li jirrizulta mill-iskrittura privata datata l-11 ta' Lulju 2003[6], fl-ammont ta' £8,500 li jirrizulta mill-iskrittura privata datata l-11 ta' Lulju 2005[7], fl-ammont ta' £40,000 li jirrizulta mill-iskrittura privata datata t-30 ta' Lulju 2005[8], fl-ammont ta' £30,000 li jirrizulta mill-iskrittura privata datata l-11 ta' Lulju 2006[9] u fl-ammont ta' £41,500 li jirrizulta mill-iskrittura privata datata d-19 ta' Settembru 2006. Dan kollu juri li r-rikorrent, fil-mument tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni kien jaf ben tajjeb li kien hemm dejn ma' terzi li kien ghadu ma giex saldat u li certament ma jistax jinghad li kien f'ammont zghir. Minkejja tali konsapevolezza, r-rikorrent ghazel li jiffirma u jobbliga ruhu li jhallas il-manteniment lill-intimata bil-mod kif spjegat aktar 'il fuq.

---

[2] Esebita a fol 51 tal-process
[3] Ara a fol 75 – 83 tal-process
[4] Ara a fol 96 - 97 tal-process
[5] Esebit a fol 53 tal-process
[6] Esebita a fol 113 tal-process
[7] Esebita a fol 114 tal-process
[8] Esebita a fol 115 tal-process
[9] Esebita a fol 116 tal-process

"Min-naha taghha l-intimata tressaq bhala xhud taghha lil rapprezentant tal-MFSA li jipprezenta diversi dokumenti relatati mal-kumpaniji formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u zzid tghid ukoll li mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni sal-25 ta' Frar 2013, is-socjeta' Tower Manor Limited, li r-rikorrent huwa azzjonist fiha, bieghet permezz ta' ghaxar kuntratti b'kemm jiswew €740,733.

"Permezz tal-affidavit taghha[10] l-intimata tispjega kif ir-rikorrent, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom, assuma d-dejn kollu relatat man-negozju kif ukoll id-dejn relattiv ma' Paul u Carmen Scerri. Tispjega wkoll x'manteniment obbliga ruhu li jhallas, x'gie assenjat l-istess partijiet fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni msemmi, b'dan li tghid li hi baqghet qatt ma rceviet il-flus dovuti lilha skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni. Izzid tghid li prezentement ma tahdimx u li l-uniku introjtu li ghandha huwa mis-servizzi socjali. Tiddikjara li meta kienet ghadha mizzewga lir-rikorrent, ic-cnus u l-kirjiet li kien jircievi kienu jammontaw ghal madwar €23,293.73 ekwivalenti ghal Lm10,000 fis-sena.

"Imbaghad, permezz ta' affidavit iehor[11], l-intimata tkompli zzid tghid u taghti spjegazzjoni tar-ricerki prezentati minnha stess in atti, li wara d-data ta' separazzjoni, r-rikorrent (*tramite* l-kumpaniji Bond Street Limited, C & J B Ltd, Manor Holdings Ltd, Tower Manor Lrd, Zabono Company Ltd u J.D.C Ltd) biegh b'kemm jiswew €2,167,038 fi proprjeta'. Imbaghad permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, tkompli tispjega dak citat aktar 'il fuq u cioe' tispjega kif minn diversi kumpaniji u proprjetajiet, ir-rikorrent jikkontendi li m'ghandux minn fejn ihallas manteniment ghaliha. Izzid tghid li r-rikorrent ma jaghti ebda spjegazzjoni dwar x'sar minnhom il-flus li dahhal ir-rikorrent mill-proprjetajiet kollha li biegh sussegwentement ghall-kuntratt ta' separazzjoni u lanqas ma jaghmel xi sforz biex jipprova jispjega dan.

"**Kunsiderazzjonijiet**

"Ir-rikorrent jikkontendi li c-cirkustanzi tieghu wara li gie ffirmat u ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni nbidlu b'dan li anke sahhtu marret ghall-aghar peress li qed jitlef id-dawl. Il-Qorti, filwaqt li tempatizza ma' tali sitwazzjoni, ma tistax ma tqisx il-fatt li jirrizulta bl-aktar mod car li fil-mument tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrent kien jaf bid-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u xorta ghazel li jiffirma l-istess kuntratt ta' separazzjoni. Barra minn hekk, sussegwentement ghal tali publikazzjoni ta' kuntratt, jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess rikorrent biegh proprjeta' u dan ghad-detriment tal-istess intimata li minkejja li kellha d-dritt ghal tali manteniment hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni, baqghet ma thallset xejn.

[10] Esebit a fol 749 tal-process
[11] Esebit a fol 754 tal-process

Dak li trid tiddeciedi l-qorti huwa jekk tali nuqqas ta' dawl jew il-fatt li r-rikorrent jikkontendi li m'ghandux impjieg jinpingix fuq id-dritt ta' manteniment tal-intimata hekk kif stabbili mill-kuntratt ta' separazzjoni. Dan naturalment irid jitqies ukoll fid-dawl tal-fatt li jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess rikorrent (sussegwentement ghall-kuntratt ta' separazzjoni) trasferixxa numru ta' proprjetajiet u konsegwentement, tali trasferimenti kellhom, ghall-anqas, juru li kien hemm avvanz fil-hajja tal-istess rikorrent. Li r-rikorrent jghix bis-servizzi socjali meta fil-verita` kien hemm dik il-proprjeta' kollha li jirrizultaw mir-ricerki m'hijiex plawsibbli jew verosimili. Ghalhekk il-qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-intimata li tikkontendi li ma rat xejn minn tali ammonti.

"Illi jidher car li l-mertu tal-kawza jdur fuq zewg binarji u cioe' l-allegat bdil ta' cirkustanzi da parti tar-rikorrent u li permezz tieghu qieghed jipprova jiggustifika t-talba tieghu ghal bdil fil-manteniment dovut u l-principju ta' *pacta sunt servanda* applikabbli wara li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet gie ffirmat u ppublikat. Il-qorti tirrileva li l-klawsoli relatati mal-manteniment in kwistjoni hekk kif imnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet ma jhallu ebda ombra ta' dubju dwar l-intenzjoni tal-partijiet, b'dan li l-istess kuntratt, ghalkemm isemmi ammonti differenti li jkunu dovuti lill-intimata fi zminijiet jew f'cirkustanzi differenti, xi forma ta' manteniment jibqa' dejjem dovut skont l-istess kuntratt u dan *stante* li ma ssir ebda referenza ghal xi sitwazzjoni li tista' twassal ghall-waqfien ta' manteniment. F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali *pacta sunt servanda* u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "(1) ***Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom***.
>
> "(2) ***Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi***".

"*Illi ai termini* tal-istess Artikolu, imbaghad issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- "**Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li "***Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda***";
- "**Onor. Edgar Cuschieri nominee vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deciza nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li "***gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-***

***interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skont ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti***";

- "**Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) u

- "**Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deciza nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar)

"Fejn gie ritenut li "***l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda***";

- "**Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deciza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell), b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq, gie ritenut li "***strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta` unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi***".

"Illi l-qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz odjern u kif tali intenzjonijiet ghandhom jigu rispettati u dan ghaliex il-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet hija cara u ma thalli ebda ombra ta' dubju dwar kif ghandha tigi interpretata, kif wara kollox diga' gie spjegat aktar 'il fuq.

"Fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq citata kif ukoll fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti jirrizulta li dahhal ammont konsiderevoli ferm wara li gie ffirmat u ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet, il-qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni li r-rikorrent ghadu f'posizzjoni finanzjarja li jhallas il-manteniment dovut lill-intimata ghaliex il-bdil fic-cirkustanzi allegati minnu zgur li jammontawx ghal tali li jwasslu ghal sitwazzjoni fejn kwazi r-rikorrent ma jkunx jista' jhallas dan l-istess ammont (u dan ghal ragunijiet li mhux imputabbli lilu).

"**<u>Decide</u>**

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-*intier* taghhom u tiddikjara li l-manteniment hekk kif stipulat fil-

kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet redatt fl-Atti tan-Nutar Andre Farrugia u datat il-25 ta' Mejju 2007 ghandu jibqa' jithallas mill-istess rikorrent.

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

**<u>Rikors tal-appell tal-attur John Debono</u>**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interpona dan l-appell minnha.  L-aggravji tieghu in succint huma tlieta: li ma ghandha ssir ebda distinzjoni bejn manteniment miftiehem '*ex contractu'* u dak ordnat '*ope legis*'; li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza s-sitwazzjoni fattwali tieghu u li kellu jigi applikat il-principju '*nemo ad impossibilia tenetur'*.

**<u>Risposta tal-appell tal-intimata:</u>**

L-intimata wiegbet illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u tat diversi ragunijiet ghal dan billi wiegbet punt punt ghat-talbiet kontenuti fir-rikors tal-appell imsemmi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

Ghalhekk huwa car illi l-ewwel kwistjoni mqajjma mill-appellant hija jekk f'kaz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, jistax parti jitlob li jinhall minn parti minnu ghal xi raguni tajba.

Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-*kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi* kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Cefalu et v. Gauci nomine** LXXX.IV.1359). F'dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u *il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli il-prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet* <u>*meta din hija espressa b'mod ambigwu.*</u> (**Beacom v. Spiteri Staines** – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet.

Fis-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet **General Cleaners Limited v. Accountant General et** (29 ta' Novembru 2001) intqal li *bhala principju generali l-ligi u senjatament l-Artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat*

*u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda****.*

Ghandu jinghad illi fir-rigward tal-manteniment illi jkun gie miftiehem bejn il-mizzewgin permezz ta’ kuntratt f’separazzjoni konsenswali, il-Qrati taghna sa minn zmien **Sir Adriano Dingli** (Vol 9 pagna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta’ separazzjoni ma jistax jigi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt gie konfermat diversi drabi anke per ezempju taht il-presidenza ta’ **Sir Arturo Mercieca** fis-26 ta’ Ottubru 1937 fejn intqal illi *l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta’ veru kuntratt b’mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet .. il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm opposizjoni minn wahda mill-partijet* **(Vol 29.1.1121**). Il-Qorti ma thossx li ghandha tissofferma iktar fit-tul fuq dan il-punt u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Grech v. Pauline Grech** deciza fis-16 ta’ April 2004 fejn din il-kwistjoni giet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti fil-waqt li ikkoncediet li l-posizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f’dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f’kuntratt ta’ separazzjoni ghal wiehed impost mill-Qorti. Ghalhekk il-Qorti qed tirrespingi dan l-ewwel aggravju u tiddikjara li dan ghandu jkun il-principju regolatorju f’kazi simili, izda minhabba li kif inghad dan il-principju ma

giex applikat b'mod assolut **dejjem u f'kull kaz** mill-Qrati taghna se tinvestiga wkoll l-aggravji l-ohra.

Il-Qorti se tittratta dawn l-aggravji l-ohra flimkien ghaliex huma relatati intimament u jkollha tghid mill-ewwel li taqbel mal-ewwel Qorti mal-apprezzament tal-fatti li ghamlet u allura certament l-appellant mhux fl-impossibilita` li jadempjixxi r-responsabbilitajiet tieghu skont il-kuntratt in kwistjoni.

Qabel xejn rigward l-apprezzament tal-fatti, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara.* Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti*

*sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Din il-Qorti pero` kif doveruz (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014)** ezaminat l-atti tal-kawza u mill-istess, jirrizulta li l-appellanti ghandu bizzejjed mezzi biex ikompli jhallas il-manteniment kif jirrizulta mill-istess qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa zamm ghalih bhala sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti, numru sostanzjali ta' vetturi li jiswew il-flus, kif ukoll ishma minn erba' proprjetatjiet immobbli u tlett proprjetjiet immobbli interi u cioe` hanut, bicca art u appartament. Il-kuntratt sar relattivament ftit snin ilu - fl-2007- u kwindi l-appellant kellu gia` certa eta`, u seta' jipprospetta li fi ftit snin ma kienx se jkun f'posizzjoni li jibqa' jiggestixxi n-negozju jew jahdem bl-istess manjiera li kien jaghmel meta kien fl-ahjar tieghu. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li qed jipprova jabbuza mill-proceduri gudizzjarji biex jeludi mir-responsabbilitajiet tieghu – fuq kollox responsabbilitajiet li assuma huwa stess. Kwindi fi ftit kliem, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti u ma jirrizultax certament li huwa fl-impossibbilita` li jassumi l-obbligi kuntrattwali tieghu kieku il-principju invokat minnu huwa applikabbli fil-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu wkoll mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------